# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa
# Ta' Marija
# Burmarrad

Tel: 21573045/ Fax:21578118   mob: 77622275
www. parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroccaburmarrad.com

LEĦEN IL-PARROĊĊA - Diċembru 2013 - Nru. 371



# Il-Kelma tal-Kappillan

Għeżież,

Il-Milied huwa l-Festa tal-Familja, għalkemm f'dawn l-aħħar snin sar ħafna kummerċjalizzat. Xieraq, għalhekk, li niġbdu l-attenzjoni, għax il-Milied fil-Liturġija tal-Knisja hu totalment differenti.

Fil-fatt, jekk ilkoll nifhmu t-Tifsira tal-Festa tal-Twelid ta' Ġesu' Bambin, nindunaw kemm il-Liturġija ta' din it-Tifkira li ser ngħixu flimkien, għandha x'toffrilna biex nifhmu x'inhuma l-pjanijiet ta' Alla għall-Familji Għeżież tagħna. Minn dan l-aspett biss nindunaw kemm il-Familji tagħna jistgħu jitwieldu mill-ġdid ma' Kristu jekk jirriflettu fil-fond fuq il-ġrajjiet marbutin mal-Milied, u li minnhom għaddiet il-Familja ta' Nażaret.

Li jfixkel it-Tifsira tal-Milied huma l-materjaliżmu u l-konsumiżmu. Qegħdin niċċelebraw tarbija li twieldet fil-faqar u hemm min jiċċelebra biss billi jonfoq. Il-ġenituri tat-tarbija Ġesu', Ġużeppi u Marija, ferħu bis-sempliċita' ta' Tarbija li twieldet u ħafna jifirħu biss b'kemm jieklu u jixorbu. Huwa twieled fqir b'solidarjeta' mal-foqra u l-abbandunati, u ħafna jingħalqu fil-pjaċir tagħhom bla ma jaħsbu fil-ferħ li tgħin lill-oħrajn.

Aħna lkoll Insara li qed ngħixu fid-dinja tal-lum. U għalhekk ma nistgħux ma ngħixux il-Milied b'dawn l-aspetti soċjali wkoll. Li għandu jinkwetana huwa jekk qed niċċelebraw il-Milied b'dan biss u ma ngħixux b'mod sabiħ u tajjeb il-misteru li nemmnu fih. Din hija l-isfida tagħna.

Dan hu l-awguri tiegħi f'isem ukoll il-komunita' tal-Patrijiet, biex ma nħallux li l-Milied jgħaddi mingħajr ma jagħmilna familja aħjar. Għalhekk il-Milied għandu jkun Festa ta' riflessjoni u meditazzjoni dwar l-Iben li sar Bniedem bħalna u hekk ma tibqax festa ta' konsum.

Tkunu mberkin!

P.Joseph Mamo ofm Conv.

# *Ġesu' jkellimni dan il-Milied*

Nistħajjlu li Ġesu' bagħtilna ittra dan il-Milied, fejn fost l-oħrajn fiha jiktbilna hekk:

*Maħbubin tiegħi,*

*Tant ħabbejtkom u għadni nħobbkom illi tneżżajt minn kollox biex niġi ngħix magħkom fid-dinja, u tant nitħassarkom meta narakom mitlufin f'tant ħwejjeġ li se jgħaddu, u li tant qed iġagħlukom tbatu.*

- ✫ *Tagħmlu festa minħabba l-miġja tiegħi fid-dinja, imbagħad qegħdin tippruvaw tkeċċuni mid-dinja b'liġijiet li qegħdin iddaħħlu li mhumiex ta' ġid għalikom u għal uliedkom;*
- ✫ *Tagħmlu festa minħabba t-twelid fil-faqar u fis-semplicita' tiegħi, imbagħad ħsiebkom fl-ikel, xorb u xalar bla rażan;*
- ✫ *Tagħmlu festa għax ġejt biex insalvakom, imbagħad ftit qegħdin tħabblu raskom biex issalvaw;*
- ✫ *Tagħmlu festa għax erġajt ftaħtilkom Bieb is-Sema, imbagħad la intom mgħaġġlin u lanqas xewqanin li tidħlu l-Ġenna;*
- ✫ *Tagħmlu festa għax fi twelidi l-anġli ħabbru l-paċi, imbagħad ħsiebkom biss kif toħolqu l-ġlied fuq kull ħaġa ta' xejn...ġlied fil-familja...biex ittellfu l-paċi lilkom infuskom u lil ta' madwarkom;*
- ✫ *Tagħmlu festa għax ġejt biex inħabbeb l-art mas-sema, imbagħad insejtu s-sema u mheddijin biss b'din l-art u dak kollu li hu tagħha;*
- ✫ *Tagħmlu festa fid-dar għax tgħidu li l-Milied hu festa tal-familja, imbagħad il-familja kważi qridtuha, jaħasra għadkom ma ndunajtux kemm hi ta' ġid il-familja għalikom personali u għas-soċjeta' in ġenerali;*
- ✫ *Tagħmlu festa għax tgħidu li dawn huma ġranet ta' mħabba tal-aħwa, imbagħad ma tħallux jirfes f'darkom lil min ma jaqbilx magħkom;*
- ✫ *Tagħmlu festa għax tgħidu li Alla tneżża' mill-maesta' biex sar tarbija umli, imbagħad jidhrilkom li tridu tiddominaw u tiġġudikaw lil kull min m'għandkomx grazzja miegħu għax taħsbu li intom bla dnub;*

☆ *Tagħmlu festa għax Alla niżel fostkom u sar bniedem, imbagħad ma tħallux lil Alla jitwieled fikom u bl-abort lanqas li l-bniedem jitwieled;*

*Skużawni, ma rridx nisfrattalkom il-festi, imma minn kif qegħdin tgħaddu l-Milied, irridkom tindunaw li Milied ta' din il-kwalita' hu biss festa tagħkom, imma mhijiex festa Tiegħi.*

*Hukom il-kbir*
**Ġesu'**

## Trabi li tgħammdu fil-Parroċċa bejn Jannar u Diċembru 2013

**Nathan Ellul**
**Leanne Sammut**
**Julia Zammit**
**Liah Abou Youssef**
**Luke Scicluna**
**Zack Bugeja**
**Sofia Mallia**
**Martina Sophia Hili**
**Cristian Bezzina**
**Jake Gauci**
**Jace Bonnici**
**Khloe Bonnici**
**Dean Muscat Zahra**

## Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ fis-sena 2013 fil-Parroċċa tagħna jew membri tal-Parroċċa li żżewġu f'Parroċċi oħra

**Samwel Bonniċi ma' Charlene Borg**
**Trevor Muscat ma' Vickyleen Micallef**
**Kris Baron ma' Nadine Vassallo**
**Frankie Grech ma' Jeanette Grech**
**Christopher Borg ma' Claire Apap**
**Damien Azzopardi ma' Joanne Bonniċi**
**Carmel Calleja ma' Anna Galea**

# ĦAJJA U ĦIDMA – Diċembru 2013

**Il-Ħadd 1 L-Ewwel Ħadd tal-Avvent.**
9.30am Jibda l-irtir fiċ-Ċentru Parrokkjali, organizzat mill-Kummissjoni Kateketika, bit-Talba ta' Sbieħ il-Jum. Fl-10.00am ser issir talk minn P.Andrew Galea ofm.Conv,. Fil-11.00am tibda l-Quddiesa. Inħeġġu lil kulħadd sabiex nattendu. Jum Dinji tal-Aids.

**It-Tnejn 2** Fl-4.30pm ser isir il-Qrar għat-tfal fil-Mużew tal-Bniet.

**It-Tlieta 3 Jum il-Persuni b'Diżabilita'** Fl-4.30pm ser isir il-Qrar għat-tfal fil-Mużew tal-Bniet.Dak il-ħin issir it-tieni laqgħa minn P.Thomas Calleja ofm Conv., għall-ġenituri li t-tfal tagħhom is-sena d-dieħla ser jirċievu l-Ewwel Tqarbina u s-Sagrament tal-Ġriżma tal-Isqof fiċ-Ċentru Parrokkjali.Il-LAQGĦA HIJA OBBLIGATORJA.
.

**L-Erbgħa 4** 9.30am –Taħdita mis-Sinjura Dolly Seychell mis-servizz We Care fiċ-Ċentru Parrokkjali. Kulħadd jista' jattendi. Il-laqgħa ma ddumx aktar minn siegħa.

**Il-Ħamis 5 Jum il-Volontarjat. L-Ewwel Ħamis tax-xahar.** Issir l-Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' b'talb għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Tluq minn ħdejn il-Parroċċa f'nofs in-nhar.
Fl-4.30pm Qrar għat-Tfal li jattendu d-duttrina fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**Il-Ġimgħa 6 L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.

**Is-Sibt 7** Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija. Bazaar tal-Milied miftuħ il-ġurnata kollha, organizzat mill-Kumitat Festa. L-Ewwel Sibt tax-xahar. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Fil-5.15pm tibda l-Adorazzjoni fil-Knisja.

**Il-Ħadd 8 It-Tieni Ħadd tal-Avvent**
**Jum is-Solennita' tal-Immakulata Kunċizzjoni**.
Fis-6.15pm - **Konċelebrazzjoni Solenni mill-Komunita' Franġiskana**. Il-

Ħsieb isir minn P.Thomas Calleja ofm.Conv. Janima l-kant il-Kor Parrokkjali 'Ħlewwa ta' Marija'. Ikompli l-Bazaar tal-Milied.

**It-Tlieta 10** Fit-8.00pm Fl-Istitut Kattoliku fil-Furjana tiġi mnedija s-CD Ħelu Bambin. Min irid jattendi għandu jħalli ismu fis-sagristija.

**Il-Ħamis 12** Fis-6.45pm issir il-Lectio Divina wara l-quddiesa fil-Knisja. Imħeġġin biex nattendu.

**Il-Ħadd 15** **It-Tielet Ħadd tal-Avvent** 10.30am Laqgħa tal-Grupp Familji Nsara fiċ-Ċentru Parrokkjali. Fis-7.00pm fil-knisja ser jitella' kunċert tal-Milied mill-**Melbrass Band** imtella' mill-Mensa Apostolorum tal-parroċċa tagħna.
**Mill-lum sat-23 ta' Diċembru huma jiem tan-Novena tal-Milied.** Fl-Avviżi ta' kull ġimgħa jingħataw aktar dettalji.

**It-Tlieta 17** Fl-4.30pm Fiċ-Ċentru Parrokkjali jsir il-Kunċert u l-premjazzjoni tat-tfal li jattendu d-duttrina. Fit-tmiem ser jiġu mbierka l-Bambini u l-Presepji żgħar. Kulħadd jista' jattendi.

**Il-Ġimgħa 20** Fis-6.15pm It-tfal kollha huma mħeġġa sabiex jiġu għall-quddiesa, fejn wara nakkumpanjaw il-purċissjoni bil-Bambin akkumpanjat bil-Banda mat-toroq tal-Parroċċa. Il-purċissjoni tgħaddi minn: Triq Burmarrad, Triq San Pawl Milqi, Triq il-Papa Ġwanni 11, Triq Magħsar, Triq Burmarrad sal-Knisja.
Ejjew tfal ħalli wara l-purċissjoni nqassmulkom ħelu u rigali sbieħ.



**Il-Ħadd 22** **Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent**

**It-Tlieta 24** **Lejlet il-Milied** - Il-quddies ta' filgħodu jkun fil-5.30am u 6.15am.

Mis-7.00pm sat-8.00pm – Servizz ta’ Qrar.
10.30am – Tiftaħ il-Knisja
11.00pm - Tibda l-Velja tal-Lejl tal-Milied.
12.00am - Quddiesa Solenni Konċelebrata mill-Komunita’ Franġiskana bis-sehem tal-Kor Parrokkjali ‘Ħlewwa ta’ Marija’. Wara jsir Breakfast fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ibbukkjaw fis-sagristija.

**L-Erbgħa 25 Jum il-Milied** Il-quddies ikun fis-6.00am, fit-8.30am u fis-6.15pm.

**Il-Ġimgħa 27** Mis-6.30pm ‘l quddiem il-judges jaraw l-isbaħ presepji u twieqi u armar għal kull min daħal fil-kompetizzjoni.

**Is-Sibt 28 u l-Ħadd 29** **Solennita’ tas-Sagra Familja**
L-aħħar weekend tax-xahar. Issir il-ġabra speċjali fil-Parroċċa. Inkomplu nkunu ġenerużi kif dejjem konna. Grazzi!

**It-Tnejn 30** Fit-3.30pm Party għat-tfal kollha tal-Parroċċa fiċ-Ċentru Parrokkjali. Ġenituri ħallu l-ismijiet tat-tfal fis-sagristija.

**It-Tlieta 31** **Fis-6.15pm Konċelebrazzjoni mill-Komunita’ Franġiskana** fejn jitkanta t-Te Deum u tingħata l-Barka Sagramentali. Janimaw bil-kant il-Kor Parrokkjali ‘Ħlewwa ta’ Marija’. F’din il-quddiesa tal-aħħar tas-sena l-ġabra tmur b’risq id-Dar tal-Providenza.

**Il-Komunita’ Franġiskana fllimkien**
**mal-Kunsill Parrokkjali**
**u l-Kummissjonijiet**
**tal-Parroċċa u l-Għaqdiet**
**jawguraw Milied Qaddis**
**u Sena mimlija**
**paċi u ġid lil kulħadd**



# Tajjeb Tkun Taf

❒ **Strina lill-Parroċċa – Qed jitqassam lilkom envelope sabiex tagħtu STRINA lill-Parroċċa tagħna fl-okkażjoni tal-Festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena 2014. Grazzi mill-qalb tal-offerta li tista tagħti.**

❒ **Nhar il-Ġimgħa 20 ta' Diċembru, fis-7.00pm issir il-Purċissjoni bil-Bambin akkumpanjat bil-Banda. Il-Purċissjoni tgħaddi mit-toroq tal-Parroċċa li huma Triq Burmarrad, Triq San Pawl Milqi, Triq Papa Ġwanni 11, Triq Magħsar u Triq Burmarrad.**

❒ **Kompetizzjoni għall-isbaħ armar ta' Presepju, Bambin u Tiżjin fid-dar fl-okkażjoni tal-Festi tal-Milied. Ħallu isimkom, l-indirizz u t-telefon fis-sagristija. Il-Ġimgħa 27 ta' Diċembru, mis-7.00pm 'il quddiem, il-membri tal-ġurija jżuru d-djar ta' dawk li jkunu daħlu għall-Kompetizzjoni.**

❒ **Breakfast – Għat-tielet sena ser jerġa' jsir il-Breakfast fiċ-Ċentru Parrokkjali wara l-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl. Ħallu isimkom u n-numru tat-telefon fis-sagristija jew mal-helpers. Il-prezz huwa ta' 10euro. Tħallux għall-aħħar. Il-booking miftuħ sal-Ġimgħa 20 ta' Diċembru.**

❒ **Il-Party tat-Milied għat-tfal tal-Parroċċa se jsir nhar it-Tnejn 30 ta' Diċembru fiċ-Ċentru Parrokkjali bejn it-3.00pm u s-6.00pm. Ġenituri ħallu l-isem tat-tfal tagħkom fis-sagristija. Tfal sa 6 snin għandhom jiġu akkumpanjati mill-ġenituri. Dak in-nhar stess tingħata donazzjoni lil Kappillan.**

❒ **Matul l-Avvent u n-Novena tal-Milied, ser ikun hemm qfief ħdejn il-bibien tal-Knisja biex niġbru preserves biex ngħinu lill-familji u r-refuġjati fil-bżonn fil-Festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena. Grazzi!**